**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 143/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 18 ta' Jannar 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXXfit-28 ta' Awwissu 2013 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-istima mahruga kontra taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodu ta' taxxa 01.11.2007-31.12.2007, inkluzi l-imghax u taxxa addizzjonali, in kwantu tali stima ma nhargitx 'properly', 'reasonably' u 'fairly' u hija bbazata fuq apprezzament hazin tal-fatti, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 7 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-aggravji fuq liema tibbaza l-appell taghha mill-istima mahruga kontriha ghall-perijodu ta' taxxa 01.11.2007-31.12.2007 huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. In linea preliminari d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jeccepixxi li minhabba l-agir tas-socjetà Rikorrenti, u cioè in-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parte taghha waqt l-investigazzjoni fil-konfront taghha, ghandhom jidhlu fis-sehh *ope legis* id-dettami ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "L1" a fol. 14 sa' 35 tal-process;

Ra li dan ir-Rikors miexi flimkien mar-Rikorsi bin-Numri 141/13, 142/13, 144/13, 145/13 u 146/13 ilkoll fl-ismijiet "XXXv. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra li waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2013 il-partijiet kontendenti qablu li qabel ma jittratta l-appell fil-meritu, it-Tribunal jittratta u jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Sema' x-xhieda ta' Ingrid Demanuele[1] u ta' Jesmar Bilocca[2] moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2014, sema' x-xhieda ta' Maria Borg moghtija waqt id-seduta tat-23 ta' Mejju 2014[3] u ra d-dokument esebit minnha markat Dok. "MB1" a fol. 53 sa' 55 tar-Rikors Nru. 141/13 fl-istess ismijiet, ra d-dokument esebit mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' Gunju 2014 a fol. 64 sa' 82 tar-Rikors bin-Numru 141/13 fl-istess ismijiet u sema' x-xhieda ta' Roderick Zammit Randich in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)[4] u ta' Carl Bonaci[5], rapprezentant tas a socjetà Rikorrenti, moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2014;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 90 sa' 98 tar-Rikors bin-Numru 141/13 fl-istess ismijiet u ra s-sentenzi esebiti mis-socjetà Rikorrenti waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2015 markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 101 sa' fol. 115 tar-Rikors bin-Numru 141/13 fl-istess ismijiet;

Sema' t-trattazzjoni orali finali;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta stima mahruga fil-konfront taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodu ta' taxxa 01.11.2007-31.12.2007[6] permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €20,911.00 rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud, flimkien mas-somma ta' €4,182.20 rapprezentanti taxxa amministrattiva u s-somma ta' €8,677.93 rapprezentanti imghax. Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li l-istima in kwistjoni ma inhargitx *properly, reasonably* u *fairly* u hija bbazata fuq apprezzament zbaljat tal-fatti in kwantu hija bbazata fuq il-premessa hazina li ghamlet xi provvisti li fil-verità ma ghamlitx minhabba problemi finanzjarji kbar li ghandha. In bazi ghal tali kontestazzjoni titlob li l-istima in kwistjoni, inkluzi t-taxxa amministrattiva u l-imghax, tigi mhassra u revokata.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li fil-mertu l-aggravji tas-socjetà Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. In linea preliminari d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jeccepixxi li minhabba l-agir tas-socjetà

[1] Fol. 49a sa' fol. 49d tal-process.
[2] Fol. 49e sa' fol. 49j tal-process.
[3] Fol. 50a sa' 50f tal-process.
[4] Fol. 51a tal-process.
[5] Fol. 51b sa' 61f tal-process.
[6] Fol. 7 tal-process.

Rikorrenti, u cioè n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parte taghha fil-kors ta' l-investigazzjoni, jidhlu fis-sehh *ope legis* id-dettami ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-producibilità f'dan l-istadju tal-proceduri ta' dokumentazzjoni u dokumenti ohra relattivi li ma jkunux gew precedentement sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2013 il-partijiet kontendenti qablu li qabel ma dan it-Tribunal jittratta l-appell fil-mertu ghandu l-ewwel jittratta u jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Din id-decizjoni ghalhekk hija limitata ghal tali eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

L-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-Kummissarju jista', f'kull zmien matul iz-zmien specifikat fis-subartikolu (4)* [sitt snin minn tmiem is-sena li ghaliha tkun tirreferi d-dokumentazzjoni li persuna registrata hija obbligata li zzomm] *jehtieg lil kull persuna li tipproduci, jew jista' jeleva minghand kull persuna, inkluz terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika mehtiega li jinzammu minnha bis-sahha ta' dan l-artikolu, u jaghmel kopji taghhom: Izda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviz bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduci minghajr skuzanti ragonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviz, hija ma tkunx tista' tithalla tipproduci dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inharget stima jew stimi provizorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Gustizzja. Izda wkoll meta titqieghed fiducja fuq xi persuna ohra sabiex din twettaq xi bicca xoghol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiducja ma jitqiesx li hija skuzanti ragonevoli ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jinvoka dan l-artikolu tal-Ligi u jesigi l-applikazzjoni ta' l-istess fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, b'mod partikolari dak provdut fl-ewwel *proviso* ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ghar-raguni li matul l-investigazzjoni da parte tat-Tax Compliance Unit fil-konfront taghha s-socjetà Rikorrenti ma pprovdiet l-ebda dokumentazzjoni li kienet qed tintalab ghall-fini ta' tali investigazzjoni. Jikkontendi li r-ragunijiet moghtija mir-rapprezentant tas-socjetà Rikorrenti ghal tali nuqqas, ossia problemi finanzjarji ta' l-istess socjetà li wasslu fost affarijiet ohra biex ma jinzammux *proper accounting records* u problemi personali ta' l-istess rapprezentant u l-familja tieghu, ma jikkostitwixxux raguni valida li tiggustifika n-nuqqas tal-produzzjoni ta' tali dokumentazzjoni, partikolarment peress illi hafna minnha kienet tikkonsisti f' *historical data* li allura kellha tkun fil-pussess taghha.

Ghall-fini li jissosstanzja dan kollu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ressaq bhala xhieda lil Ingrid Demanuele u Maria Borg, l-ufficjali tat-Tax Compliance Unit involuti fl-investigazzjoni fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, u lil Jesmar Bilocca, *Review Officer* mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li appuntu kien inkarigat mir-*review* li s-socjetà Rikorrenti talbet mill-istima in kwistjoni. Dawn ix-xhieda lkoll ikkonfermaw li tul l-investigazzjoni u tul il-process

tar-*review* is-socjetà Rikorrenti, skonthom ghal ebda raguni valida fil-Ligi, ma ipprovdietx id-dokumentazzjoni lilha mitluba. Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ressaq ukoll bhala xhud lil XXX, rapprezentant tas-socjetà Rikorrenti, li mill-gdid tenna r-ragunijiet ghalfejn id-dokumentazzjoni mitluba mit-Tax Compliance Unit ma kenitx disponibbli u b'hekk ma gietx sottomessa fil-kors ta' l-investigazzjoni u ddikjara li *li nista' nispjega huwa li minn dak il-perijodu issa bdejna niehdu r-ruh u issa li bdejna ngibu l-affarijiet f'posthom u nixtieq li ninghata c-chance li naghmel l-affarijiet f'posthom u nissettilja ruhi hux, din l-intenzjoni tieghi, intenzjoni genwina li ma nahrab minn xejn mir-realtà u nixtieq li l-affarijiet jittrangaw darba ghal dejjem.*

Fid-dawl ta' dan kollu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li *in vista tax-xhieda imressqa quddiemu ma ghandu* [it-Tribunal] *jkollu l-anqas l-icken dubju illi fil-konfront tas-socjetà appellanti ghandhom japplikaw id-dettami tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minn dak li rrizulta supra* [ossia mill-provi prodotti] *ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju ragonevoli illi s-socjetà appellanti naqset b'mod stragrandi milli tottempera ruhha ma' dak li jesigi il-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta rigward it-tizmim tad-dokumenti li kull persuna registrata ai fini ta' taxxa hija fid-dover u l-obbligu li zzomm. Illi jidher mill-komportament tad-direttur tal-kumpannina waqt ix-xhieda tieghu, illi dan jiehu ir-responsabilitajiet legali impsoti fuqu b'mod verament leggier u non kuranti u ta' dan ghandu jerfa' r-responsabbiltà legali imposta fuqu ope legis ghal tali nuqqasijiet. Illi huwa inverosimili illi socjetà b'turnover bhal din ta' l-appellanti ma zzommx kotba tan-negozju kif suppost u li ma tibghatx id-denunzji taghha fil-hin u li tkun traskurata tali illi lanqas tindenja ruhha tibghat lid-Dipartiment u lit-TCU sahansitra l-Bank Statements taghha meta hekk mitluba taghmel, haga din fil-fehma umili ta' l-esponenti l-aktar bazika. Illi ma hemmx dubju illi l-esponenti ried jaghti kull beneficcju lill-appellanti (ara xhieda ta' Jesmar Bilocca) fejn waqt ir-Review wera li kien propens illi jiskarta l-problemi finanzjarji ta' l-appellanti jekk jirrizultalu illi kellu jaghti aktar kredibilità lill-appellanti (direttur) illi t-trawma tal-firda mit-tifel (il-problema familjari) tipprevali u tinghata precedenza fuq il-problema finanzjarja. Però fil-fond ta' qalbu, wara li gharbel bir-reqqa l-attitudini ta' XXX tul l-andament tal-kaz, ma hassx li kellu jemmen il-versjoni illi dan ipprezentalu. Iddecieda billi warrab fil-genb kull sentiment u mexa fuq dak li ghallmitu l-esperjenza u l-professjonalità f'kazijiet konsimili, inkluzi dawk fejn kien hemm kwistjonijiet ta' mard fejn l-iskuzanti li ngabu ma kienux gew accettati. B'kuxjenza mistrieha eventwalment hareg l-istima de quo.*

It-Tribunal haseb fit-tul dwar il-kwistjoni in ezami u l-implikazzjonijiet legali u guridici ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari ta' l-ewwel *proviso* tieghu, u jqis li dak hemm dispost ma jistax jigi minnu applikat, u dana anke f'kaz fejn it-*taxpayer* ma jkunx ghamel l-ghalmu kollu tieghu fl-istadju ta' l-investigazzjoni u tar-*review*, jekk ikun intalab, biex jipprovdi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bid-dokumentazzjoni kollha mitluba u mehtiega. Dak provdut fl-imsemmi *proviso* ma jistax u ma ghandux jigi applikat fir-rigidità kollha tieghu ghaliex imur ghal kollox kontra l-principji ta' gustizzja naturali li dan it-Tribunal hu fid-dmir li jhaddan u josserva.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dahal fis-sehh bis-sahha ta' l-Att IV ta' l-2007, il-kuncett hemm enuncjat, ossia l-projbizzjoni fil-konfront tat-*taxpayer* li fl-istadju ta' appell minn stima jipproduci dokumenti u dokumentazzjoni li ma jkunux gew minnu prodotti fl-istadju ta' l-investigazzjoni ghad illi jkun intalab jaghmel hekk, gie diversi drabi trattat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) f'ghadd ta' sentenzi pronuncjati minnha.

Ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 15/05** deciza fil-5 ta' April 2006, fejn fost affarijiet ohra gie trattat l-aggravju sollevat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qatt ma messu ammetta w accetta bhala prova fattura li ma gietx ipprezentata lill-istess Kummissarju fl-istadju ta' l-investigazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ghamlet is-segwenti osservazzjoni: *jibda biex jigi osservat illi ghalkemm hu dejjem desiderabbli li taxpayer jottempera ruhu mar-rikjesta li ssirlu ghall-produzzjoni tad-dokumenti mitluba lilu mill-Kummissarju li jkun qed jistharreg id-denunzji minnu sottomessi, kif hekk jesigi l-Artikolu 41 ta' l-Att*[7]*, dan l-istess dispost, imbaghad, ma kellux jigi intiz li jorbot idejn il-Bord b'mod li jrazzan id-diskrezzjoni tieghu fl-apprezzament tal-provi. Ikollu jinghad li hekk kif il-Kummissarju ma kienx marbut li joqghod fuq id-denunzji tat-taxpayer, multo magis, imbaghad, meta dan ma jkunx, meta hekk mitlub, issodisfah bil-produzzjoni tad-dokumenti, daqstant iehor il-Bord, meta jsir appell lilu, kellu s-setgha li jordna l-esebizzjoni tad-dokumenti, jew li jakkorda l-opportunità lit-taxpayer li jaghmel tali prova, jinvestiga kull prova dokumentali u addirittura, jiddetermina, fuq il-bazi tad-dokumenti hekk esebiti, li ma ghandux joqghod fuq l-istimi tal-Kummissarju. Kieku kellu jigi ragonat mod iehor il-Bord jigi emaskulat ghal kollox mill-funzjonijiet u attribuzzjonijiet proprji tieghu, u dan zgur li ma jirriflettix ir-raison d'etre tal-legislatur li kkrejah u affidalu l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni gudizzjarja li jippreciza l-Artikolu 3 tas-Sitt Skeda ta' l-Att*[8]*... Dan igib l-objezzjoni legali sollevata mill-appellanti fuq dan il-punt li ma tistax titqies sostenibbli. Anke f'dan l-istess kuntest wiehed ma jridx jitlef di vista, imbaghad, illi ope legis il-piz tal-prova hu mixhut fuq it-taxpayer u tali obbligu jimponi fuqu li bi kwalunkwe mod rikonoxxut mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa jipprova l-bazi u l-legittimità ta' l-aggravju tieghu quddiem il-Bord, u ghal konvinciment ta' dan.*

Dawn l-istess osservazzjonijiet u principji gew ribaditi mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. et v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 1/07** deciza fid-9 ta' Mejju 2007, fejn ikkritikat il-posizzjoni adottata mill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn gialadarba t-*taxpayers* f'dak il-kaz kienu naqsu fl-osservanza ta' l-obbligazzjonijiet fiskali taghhom u ma gabux raguni plawsibbli ghal tali nuqqas, ma ppremettilhomx jipprezentaw id-dokumentazzjoni mehtiega quddiemu. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *jigi qabel xejn sottolineat illi fuq il-materja hawn involuta din il-Qorti gja kellha okkazzjoni tokkupa ruhha mill-punt illi fl-espletament tal-funzjonijiet tieghu il-Bord mhux biss ma kellux jinjora r-regola hekk bazika li kull*

---

[7] Illum Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.
[8] Illum Artikolu 1(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

*parti jkollha l-opportunità li tressaq il-provi taghha, imma kellu, fid-dixxiplina tad-disposizzjonijiet procedurali, jirrispettaha fl-istadji kollha tal-process quddiemu. Jekk xejn, biex ikun verament accertat li l-gustizzja tabilhaqq qed issir u tigi mharsa. Dan, multo magis, imbaghad meta l-ligi bhal f'dan il-kaz, taddossa fuq l-appellanti l-piz li jipprova li "xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eccessiv" [Artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda ta' l-Att XXIII ta' l-1998]. Ferma din l-introduzzjoni, u gjaladarba wkoll il-Qorti qed tigi mistiedna mill-Kummissarju biex taghti direttiva dwar it-trattament mill-Bord tal-produzzjoni tad-dokumenti, il-Qorti jidhrilha li, una volta din il-kontestazzjoni qed tirrikorri ta' spiss (ara sentenza recensjuri taghha tat-12 ta' April 2007 in re: "Carmel Micallef v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", anke jekk f'dan aspett ezaminat kien xort'ohra minn dak prezenti) hu xieraq li tinvesti anke din il-kwistjoni importanti tal-producibilità tar-records ta' l-attività ekonomika u, fundamentalment, ta' l-istadju li fih ghandhom jigu dawn l-istess records hekk prodotti. Jibda biex jigi osservat illi hu dispost car tal-ligi, ex-Artikolu 48(1) ta' l-Att imsemmi, illi kull persuna registrata ghall-finijiet tal-ligi fiskali ghandha zzomm dokumentazzjoni "<u>shiha u kif imiss</u>[9]" tat-transazzjonijiet kollha minnha mwettqa fil-kors ta' l-operazzjonijiet taghha. Dan kif ahjar dettaljat fl-elenku ipprovdut fil-Hdax-il Skeda ta' l-Att. Hu preskritt imbaghad illi n-nuqqas ta' zamma ta' dawn ir-records jew tal-manumissjoni taghhom, tattira s-sanzjonijiet penali prevvisti fl-Artikoli 76 u 77 ta' l-Att. Dejjem skond l-istess Att, il-ligi tikkoncedi lill-Kummissarju li f'kull zmien jista' jesigi l-produzzjoni tad-dokumentazzjoni [Artikolu 48(5)], kif ukoll li jispezzjona u jiddomanda l-produzzjoni ta' kotba, record u document [Artikolu 53(b)]. Ghalkemm il-ligi ma tghidux huwa intwittiv illi talba bhal din issir ghal skop konness ma' l-ezercizzju ta' investigazzjoni, kemm b'mod generali kif ukoll, in partikulari, ghall-ezami tad-denunzja lilu mibghuta mill-persuna regsitrata. Ukoll f'dan il-kaz, in-non-produzzjoni tad-dokumenti ggib maghha skond il-ligi l-konsegwenza ghat-taxpayer illi l-Kummissarju jkollu jassumi illi dik id-denunzja mhix "<u>shiha u korretta</u>" ta' l-informazzjoni mehtiega [Artikolu 32(1)] u tali jittraduci ruhu finalment ghal likwidazzjoni ta' stima ex officio [Artikolu 32(3)] u in aggunta, l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva prevvista mill-Artikolu 37(1) ta' l-Att. Minn dan premess din tidher li hi l-qaghda fil-fazi pre-processwali ta' qabel ma l-kaz jasal ghand il-Bord fl-appell introdott quddiemu mit-taxpayer. Il-Kummissarju donnu jissugerixxi illi in kwantu jikkoncerna d-dokumentazzjoni l-Bord m'ghandux jikkonsentixxi l-produzzjoni taghhom ghax dan kapaci jaghti lok ghall-abbuz. Hi proprju din is-sottomissjoni li l-Qorti ser tghaddi biex tanalizza, anke ghaliex din tidher li hi d-divarju centrali bejn il-kontendenti. Hu opportun fl-ewwel lok li jigi osservat illi skond Regolament 4 ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999, f'kull appell quddiem il-Bord u ghall-fini li jigu prodotti kotba u provi b'dokumenti ohra l-Bord hu vestit bl-istess setghat skond il-Kodici ritwali (Kapitolu 12) u huwa dixxiplinat bir-regoli adetti imnizzlin fih. Issa proprju f'dan il-Kodici nsibu li "it-talba ghall-esebizzjoni tad-dokumenti tista' ssir f'kull waqt tal-kawza sakemm il-provi jkunu ghadhom jistghu jingiebu" (Artikolu 642). Isegwi minn dan illi fil-kors tat-trattazzjoni fil-prim' istanza, bhala kontraddistinta mill-fazi ta' l-appell proprju, il-ligi ma tivvjetax lill-Qorti milli takkolji domanda ghal produzzjoni ta'*

[9] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

*dokument "ritenuto necessario per la istruzione della causa" (Kollez. Vol. XXIV PI 721, Vol. XXVI PI p344 u Vol. XXXII PI p306). Anzi jkompli jigi aggunt illi l-inammissibilità tal-produzzjoni tad-dokument, opposta mill-kontroparti, ma tistax tigi milqugha. Naturalment hu dejjem fis-setgha tal-Qorti adita li tqis ir-rilevanza o meno tad-dokument li jkun intiz li jigi prodott. Ovvjament tezisti distinzjoni markata bejn l-ammissibilità u r-rilevanza. Ta' l-ewwel ghandha rabta stretta ma' l-istadju tal-produzzjoni tal-provi; tat-tieni mal-valutazzjoni apprezzattiva li issir ta' dawk il-provi, kompriz kull cirkospezzjoni li jinhass xieraq li l-gudikant ghandu jaghmel dwarhom. Applikat dan li appena nghad ghal kaz in ispecje, il-Qorti hi tal-fehma illi s-setgha vestita fil-Bord ma kellhiex twasslu biex ma jammettix il-prova dokumentali li l-appellanti xtaq jipproduci, u li kienu fid-disponibilità esklussiva tieghu li jressaq 'il quddiem ghas-sostenn tal-kontestazzjoni tieghu ta' l-istima tal-Kummissarju u ghall-iskarikar tal-piz tal-prova. Il-fatt tat-trapass taz-zmien fil-produzzjoni tad-dokumenti kellha iva tallarmah fl-istadju posterjuri tal-gudizzju koxjenti tieghu tal-provi imma mhux ukoll, u ghal dik ir-raguni, tinducih biex a prioristikament, ma jaccettax u ma jammettix l-produzzjoni taghhom. Din il-fakoltà kienet hekk koncessa lilu limitatament fil-parametri ta' dak espress fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 4 tad-Disa' Skeda ghal kaz fejn hu ma jaccettax provi mressqa bhala sufficjenti jekk l-appellanti ma jkunx zamm id-dokumentazzjoni mitluba mill-ligi jew ma jipprezentax dik id-dokumentazzjoni. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz in kwantu, kif manifest, il-Bord lanqas ta' cans lill-appellanti milli jressaq provi. Sewwa gie rikonoxxut mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, illi "ghall-finijiet procedurali hemm divesità kbira bejn il-kaz fejn ma jkunux instemghu il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunità bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smigh ta' provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizzjali kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz fejn, minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunità li jgibhom". (Joseph Falzon v. Anthony Debono, 13 ta' Jannar 1975). ...*

Mill-gdid fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Rikors Nru. 7/08**, deciza fit-28 ta' Novembru 2008, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tenniet l-osservazzjoni li: *mill-korp tas-sentenza appellata huwa bil-wisq evidenti illi sostanzjalment il-Bord irrigetta l-aggravji ta' l-appellanti bil-motiv illi dan ma ressaqx il-provi okkorrenti biex, skond kif prefiss mill-Artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda, jiddemostra li l-istimi tal-Kummissarju kienu eccessivi. Hemm qbil ma' l-appellat illi minn imkien mill-istess sentenza ma jinsab affermat, jew implicitament dedott illi l-Bord ikkampa ruhu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 48(5) tal-Ligi. Ciononostante, dan ma jfissirx, imbaghad, illi din il-Qorti tista' tinjora l-assunt devolut lilha kostitwit minn dik il-vjolazzjoni tal-precett tal-gustizzja naturali. Avut rigward ghall-argomenti li minnhom skaturiet r-ratio decidendi, ghandu jkun ovvju li l-appellanti u fuq it-talba minnu maghmula lill-Bord ma nghatax il-possibilità li jipproduci l-provi dokumentali tieghu u li jikkontrapponi, ghar-rapport investigattiv tal-Kummissarju pprezentat fil-kors tal-prodediment, dawk l-elementi li setghu potenzjalment, jikkonducu ghall-konvinciment divers da parti tal-Bord. Din il-Qorti terga' hawnhekk tirrepeti l-osservazzjoni taghha maghmula fi skorta ta' decizjonijiet illi l-appellanti kellu*

*jinghata l-opportunità shiha li jkun f'posizzjoni jiddefendi l-posizzjoni tieghu u li jissodisfa l-oneru gravanti fuqu permezz ta' provi li kienu hekk centrali ghal kontestazzjoni ta' l-istimi. Tali minn dejjem kien principju inderogabbli li l-ebda tribunal gudikanti ma kellu jinjora. Huwa veru li l-ligi tirrimetti ghad-diskrezzjonalità tal-Bord il-gudizzju jekk prova hijiex sufficjenti jew le fl-ezekuzzjoni ta' l-impenn ta' dak l-istess oneru. Dan però ma kellux jittraduci ruhu ghal qaghda fejn il-Bord jirrifjuta jew jinjora talba ghall-produzzjoni tad-dokumentazzjoni in sostenn tal-gravami. Huwa wkoll veru illi, kif sottomess mill-appellat, fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu l-Bord hu, ex-Artikolu 3(1) tad-Disa' Skeda, fakoltizzat li "jikkonferma jnaqqas jew izid kull valur taxxabbli jew kreditu ta' taxxa li jkunu gew stmati mill-Kummissarju jew li jhassar l-istima jew li jaghmel kull dikjarazzjoni jew ordni ohra hekk kif jidhirlu xieraq." B'danakollu, dan lanqas ma ghandu jfisser illi, fl-espletament ta' dawn il-mansjonijiet lilu akkordati mill-Ligi, il-Bord seta' jqieghed fil-genb il-principju fundamentali invokat mill-appellanti u, jonqos milli, almenu jawtorizzah jew jikkoncedilu li, f'terminu prefiss, igib 'il quddiem il-provi dokumentali li xtaq iressaq.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 22/07**, deciza fis-6 ta' Gunju 2008, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) addirittura esprimiet it-thassib Taghha dwar il-legittimità kostituzzjonali ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta: *huwa car mill-interpretazzjoni ta' dan il-proviso illi l-legislatur ried jirrestringi z-zmien ghall-produzzjoni mit-taxpayer tad-dokumenti, u fl-istess waqt li stabilixxa l-istadju li fih l-istess taxpayer kien fid-dmir li jipproducihom, ghadda biex jippreskrivi li ma kienx ser jammetti estensjoni ta' zmien ghall-producibilità taghhom jekk mhux ghal skuzanti ragonevoli u sufficjenti li, apparentement, lanqas ma kellha tannovera fiha motivi ta' indoli privata, jew singolari. Fuq dan il-punt din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax ghall-mument id-dubbji serji taghha kemm dik l-emenda ghandha legittimità kostituzzjonali. Dan qed tirrilevah ghaliex, meta aggancjata mal-garanzija kostituzzjonali tat-tutela tad-drittijiet u dik tat-tutlea procedimentali, naturalment fil-kwadru tad-drittijiet tat-taxpayer, dik l-istess emenda timponi limitazzjoni pre-processwali fuq it-taxpayer ghall-produzzjoni tal-provi dokumentali fil-process kwazi-gudizzjali quddiem il-Bord, jew gudizzjali quddiem din il-Qorti, b'mod li dan mhux biss jippezantixxi l-piz tal-prova imposta mil-ligi fuq it-taxpayer [Artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda] izda wkoll, u fundamentalment, jikkreja ostruzzjoni ta' dik ir-regola processwali li tesigi r-rispett tal-principju inderogabbli tal-kontradittorju.*

Ghalkemm is-sentenzi appena citati lkoll jittrattaw appelli li gew introdotti qabel id-dhul fis-sehh ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-projbizzjoni fil-konfront tat-*taxpayer* li fl-istadju ta' l-appell minn stima/stimi mahruga kontra tieghu jipproduci dokumentazzjoni u dokumenti li jkun naqas li jissottometti waqt l-istadju ta' l-investigazzjoni kienet ghadha ma tohrogx minn disposizzjoni espressa tal-Ligi, fil-fehma tat-Tribunal il-principji fihom enuncjati ma jitilfu xejn mis-siwi taghhom u b'hekk mill-applikabilità ta' l-istess ghall-kaz in ezami.

Apparte l-fatt li l-jedd ta' smigh xieraq li jhaddan fih il-principji ta' gustizzja naturali ghandu dejjem jirrenja suprem, minn qari ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta b'mod car li dak hemm dispost imur ghal kollox kontra l-principji ta' mgieba amministrattiva tajba li dan it-Tribunal huwa – ai termini tal-Ligi – obbligat li jhaddan, japplika u jsegwi.

L-Artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li: *(1) Fir-relazzjonijiet taghhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi kollha ghandhom jirrispettaw u japplikaw il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba stabbiliti f'din it-Taqsima ta' dan l-Att. (2) Il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba jinkludu dawn li gejjin: (a) tribunal amminnistrattiv ghandu* ***jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali,*** *jigifieri: (i) nemo judex in causa sua; u (ii)* ***audi et alteram partem****; … (c)* ***tribunal amminsitrattiv ghandu jizgura li l-partijiet fil-proceduri jkollhom l-istess mezzi procedurali. Kull parti ghandha tinghata l-opportunità li tipprezenta l-kaz taghha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, minghajr ma titqieghed fi zvantagg***[10]. L-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li ***t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jikkonforma ruhu mal-principji ta' mgieba amministrattiva tajba stabbiliti fl-artikolu 3***[11].

B'hekk kemm il-darba t-Tribunal kellu japplika dak provdut fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun mhux biss qed jipperikola u jippregudika d-dritt ta' smigh xieraq tas-socjetà Rikorrenti izda jkun qed imur ghal kollox kontra l-principji regolaturi in bazi ghal liema u ghas-salvagwardja ta' liema gie specifikatament kostitwit. Jigi in oltre osservat illi *huwa pacifikament stabbilit in linea ta' principju generali illi* ***t-tribunali kollha ta' kwalsiasi forma w attribuzzjoni, indistintament ghandhom jirrispettaw ir-regoli hekk importanti u fondamentali tal-gustizzja naturali. Regoli dawn invjolabbli li jesigu, inter alia, il-parità ta' trattament mal-partijiet in kawza li ebda tribunal ma jista' jissorvola***[12], principju dan li fil-fehma tat-Tribunal japplika iktar u iktar meta dan it-Tribunal huwa espressament marbut bil-Ligi li *jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, nemo judex in causa sua u audi et alteram partem.* Tant l-osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali hija kardinali f'kull procediment giudizzjarju jew quasi-gudizzjarju *che sia,* illi n-non-osservanza ta' l-istess twassal ghan-nullità tal-procedimenti u ta' l-eventwali sentenza moghtija fihom[13].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li ma ghandux japplika l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif invece pretiz mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

---

[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Enfasi tat-Tribunal.
[12] Esther Pace et v. Aplan Limited, Appell Civili Nru.2/05 deciza fid-9 ta' Novembru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri). Enfasi tat-Tribunal.
[13] Angelo Debono v. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, App. Civli Nru. 402/05 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' April 2013.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza partikolari jigu decizi fis-sentenza finali dwar il-meritu.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**